# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 5554/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**James Peplow**

Illum 15 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **James Peplow**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 238378(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-17 ta' Marzu 2025 għal ħabta ta' 06:30hrs ġewwa l-Fgura u dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin fi żminijiet iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Jenna Lee Caruana jew sabiex tinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat billi tapplika Artikoli 382A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(dd), 383 u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u kkundannatu twiddiba u ċanfira.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju tas-sena 2025, u tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Mejju 2025.

Illi mill-atti proċesswali ta' dan il-każ jirriżulta li l-*parte civile* Jenna Lee Caruana u l-appellant snin ilu kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni kellhom wild. Ir-relazzjoni spiċċat u l-appellant kellu aċċess għat-tifla fi tmiem il-ġimgħa. Jirriżulta li fi tmiem il-ġimgħa partikolari t-tifla talbet lill-missierha sabiex tmur Għawdex ma' ommha b'dan illi l-missier aċċetta iżda allegatament talab li meta jiġu lura t-tifla tqatta l-ġurnata tal-Ħadd miegħu. Jidher li l-appellant mar jiġbor it-tifla imma għal raġunijiet varji dan ma kienx possibbli. L-għada filgħodu l-appellant reġa' mar fejn kienet tinsab il-*parte civile* allegatament sabiex ikellem lit-tifla. Jidher li l-*parte civile* la wieġbet u lanqas fetħet il-bieb, b'dana illi qagħdet tara lill-appellant mill-*intercom* u minn wara l-purtieri sakemm l-appellant telaq. Allegatament l-appellant mar fil-post fejn jgħaddi l-vann li jiġbor lit-tifla għall-iskola u minħabba f'hekk il-*parte civile* ddeċidiet li twassal lit-tifla hija. Allegatament huma raw li l-appellant kien qiegħed isuq warajhom u għalhekk il-*parte civile* għamlet ir-rapport odjern.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** (Numru 433/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "5. Għalhekk bħala regola[1] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha.

[1] "u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali *entro* l-parametri ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża."

> Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[2]"

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Huwa jirreferi għar-rapport redatt mill-Pulizija u jirreferi għax-xiehda tal-*parte civile* mogħtija fit-12 ta' Mejju 2025. Jgħid, fost l-oħrajn, li fix-xiehda tagħha l-*parte civile* spjegat li fis-17 ta' Marzu 2025 ma fetħitx il-bieb għax kienet waħidha ma' wliedha u fejn qalet ukoll li hu kien qiegħed isuq warajha. Ikompli li kien biss in kontro-eżami fuq mistoqsija tal-Qorti li l-*parte civile* qalet li hu beda jħabbat il-bieb b'saqajh. Jisħaq li l-verżjoni tal-*parte civile* mhijiex korroborata u li ġiet kontradetta minnu. Itenni li l-Qorti ma setgħetx issib ħtija fih minħabba li l-fatti ma seħħewx kif tgħid il-*parte civile*.

[2] "U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali."

Illi din il-Qorti tibda billi tinnota li f'dan il-każ hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet differenti fejn l-appellant jgħid li huwa ma sabbatx fuq il-bieb u ma marx isuq wara l-*parte civile*, filwaqt li l-*parte civile* tgħid bil-kontra. Minbarra dan, din il-Qorti tinnota li l-appellant wera lill-Ewwel Qorti numru ta' messaġġi li għaddew bejnu u l-*parte civile* fejn huwa allegatament ftiehem sabiex jiġbor lit-tifla in kwistjoni. Minkejja li l-Ewwel Qorti rat dawn il-messaġġi, hija xorta ddeċidiet li temmen lill-*parte civile*.

Illi minbarra dan, din il-Qorti tinnota li l-verżjoni li qalet il-*parte civile* hija konsistenti u dana minkejja li ma semmietx lill-Ewwel Qorti t-tisbit fuq il-bieb u semmiet dan il-fatt in kontro-eżami. Tali kondotta, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jnaqqas xejn mill-verżjoni mogħtija mill-*parte civile*. Rigward l-argument imressaq mill-appellant dwar il-fatt li huwa mera l-verżjoni mogħtija mill-*parte ċivile*, din il-Qorti tifhem li strettament l-appellant ma meriex tali verżjoni. Fix-xiehda mogħtija minnu, huwa jgħid li ma messx il-bieb b'idu iżda qatt ma qal li ma tax daqqa ta' sieq fuq il-bieb. Fil-fatt, mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li qal hekk (*a fol.* 57):

> "Il-bieb qatt ma missejtu, qatt ma missejtu b'idejja, qatt ma missejtu, bieb tal-ħġieġ li kieku tajtu daqqa kont inkissru."

Illi b'żieda ma' dak li għadu kemm ġie ċitat għandu jingħad ukoll li l-Ewwel Qorti kellha l-vantaġġ li tgħix il-proċess u tara u tisma lix-xhieda jixhdu quddiemha in *prima persona.* Wara li għamlet dan, l-Ewwel Qorti għażlet li temmen lill-*parte civile*. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tirrimarka illi xhud wieħed jekk emmnut huwa biżżejjed għal Qorti sabiex tasal għal konklużjoni tagħha. L-appellant jargumenta li huwa mera, bix-xiehda tiegħu, dak li qalet il-*parte civile*. Għal kull buon għandu jingħad li dan ma jwassalx awtomatikament għal-liberazzjoni tal-appellant!

Illi b'hekk isegwi l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li ma jeżistux l-elementi tar-reat. Jgħid li r-reat in kwistjoni jirrikjedi tal-inqas minimu ta' tħassib f'moħħ persuna dwar l-inkolumita' tal-proprjeta' b'riżultat dirett ta' dak l-għemil. Jgħid li l-unika prova li hemm f'dan ir-rigward hija l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* u li anke jekk din kellha titwemmen, ma jirriżultax minn dak li qalet l-istess *parte civile* li tnissel fiha xi tħassib jew inkwiet. Ikompli li l-istess jgħodd għall-allegazzjoni li hu beda jsuq wara l-*parte civile*. Jispjega li meta ġiet mistoqsija, il-*parte civile* tgħid li hu ma kien qed jagħmel xejn partikolari.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami, il-Qorti ser timxi ma' ġurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taħt Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik li fil-Liġi Ingliża hija *"a breach of public peace"*. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumita' tagħhom waqt l-akkadut. Fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**, din il-Qorti qalet hekk:

> "3. [...] Skont ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-*Common Law* Ingliża kien jissejjah *"a breach of the peace"*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kunċett Ingliż ta' *"breach of the peace"* tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Ġunju, 1890, fl-ismijiet **Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et**, kien qal hekk:
>
>> *"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, é violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato."* (Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).

[...]

1. [...B]ħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil."

Illi fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla** (Numru 356/2007), din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Busuttil"** [23.6.1994] per V. De Gaetano J.:-

*"Bħala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni ravviżata fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali meta jkun hemm egħmil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Dan ir-reat javvera ruħu meta jkun hemm dak li fl-Common Law jissejjaħ "a breach of the peace"."*

Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ċċitat mil-liġi w mill-ġurisprudenza Ingliża in materja w kompliet tgħid:

*"The essence of the offence is causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously*

> *defined by the Courts. In* ***Ferguson v. Carnochan*** *(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace." Alarm may now be too strong a term: in* ***Macmillan vs. Normand*** *(1989) the offence as committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen.." (p. 192).""*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat bil-konsegwenza li ser tapplikah għal dan il-każ. Mid-depożizzjoni mogħtija mill-*parte civile* quddiem l-Ewwel Qorti jirriżulta li dakinhar tas-17 ta' Marzu 2025 waqt li kienet qed tipprepara lit-tifla għall-iskola, rat lill-eks sieħeb tagħha isfel. Mit-traskrizzjoni tal-istess depożizzjoni jirriżulta li l-*parte civile* qalet hekk (*a fol.* 39 *et seq.*):

> "U inqala *chaos* imbagħad fhimt, ħafna storbju u għajjat fit-triq, nżilna isfel u xorta baqa' rrid li jrid it-tifla, it-tifla ma riditx tmur, emm u *in the meantime* ċempilna l-Pulizija, u qalulna li din hija kwistjoni tad-DV, u mietet hemm, u mbagħad l-għada fis-17 ta' Marzu fis-06:30am ċempilli l-bieb, emm jiena ma ftaħtx għaliex kont qegħda waħdi bit-tfal u kien hemm affarijiet fuq vjolenza drabi oħra u ma ftaħtx il-bieb, emm, u t-tifla għidtilha: *"Tibżax, issa kif jitlaq noħorġu"*, konna ħerġin għall-iskola. Mort biex inwassalha fejn l-iskola u narah li qiegħed fil-*bus point* fejn tistenna t-tifla għall-iskola, u t-tifla qabdet twerżaq reġgħet u għidtilha: *"Tinkwietax, issa inwasslek jien l-iskola.""*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti kieku l-*parte civil*e ma kellhiex biża', hija ma kienx ikollha għalfejn tevita lill-appellant b'dan il-mod. Għalhekk jikkonsegwi li l-elementi neċessarji għall-imputazzjoni in kwistjoni ġew sodisfatti b'dana illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant James Peplow u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**